# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2002**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1496/00mm**

**Raymond u Miriam konjugi Caruana f'isimhom proprio u ghan-nom tas-socjeta' The Lawn Company Limited kif debitament awtorizzati**

**vs**

**Raymond u Ingrid konjugi Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fl-24 ta' Ottubru,2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 skond skrittura tal-1 ta' Dicembru 1999 fejn il-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu b'rati mensili ta' Lm100-il wahda li kienu jibdew jiddekorru mill-1 ta' Jannar 2000 rapprezentanti

parti mill-bilanc dovut lilhom ghal fixtures u rigal tal-fond "Surprises", Level -1, Gallarija Complex, Fgura.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2000 u dawk tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif se jirrizulta f'eventwali trattazzjoni tal-kaz odjern.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur kien jiggestixxi hanut bl-isem ta' *Surprises* fil-Gallerija Complex il-Fgura. Fl-1 ta' Dicembru 1999 ceda l-lokazzjoni favur il-konvenut u saret skrittura fejn il-konvenut iddikjara illi huwa debitur versu l-attur fis-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000). Fl-istess dikjarazzjoni l-konvenut accetta l-modalita' tal-hlas u cioe', hames mitt lira (Lm500.00) mal-firma tal-ftehim u l-bqija jithallsu mitt lira (Lm100.00) kull xahar li jibdew mill-1 ta' Jannar 2000.

Il-konvenut jammetti illi dawn l-ammonti qatt ma hallashom hlief il-hames mitt lira (Lm500.00). L-attur ighid illi dawk il-hames mitt lira (Lm500.00) marru ghand il-*management* tal-Gallerija Complex ghall-arretrati ta' kera. Filwaqt li l-konvenut jaghraf il-firma tieghu fuq din l-iskrittura u jghid li kien jaf x'kien qieghed jiffirma, qal li dik id-dikjarazzjoni kienet soggetta ghal ftehim illi kellu  jaghmel mal-*management* tal-Gallerija Complex. Peress li l-attur kellu jghin fuq dan il-ftehim u peress li minn dan ma ghamel xejn, iddecieda li ma jkomplix ihallas. Semma illi minkejja li huwa beda jopera dan il-hanut, wara sitt xhur kellu jaghlaq ghaliex ma marx tajjeb, ma bediex ilahhaq ma' l-ispejjez u ghalhekk f'kwalunkwe kaz ma kienx f'posizzjoni illi jkompli jaghmel dawk il-pagamenti illi kien obbliga ruhu li jaghmel.

Ikkunsidrat:

Illi d-dokument a fol 15 tal-process hija dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenut fejn qieghed jiddikjara ruhu debitur versu l-attur fl-ammonti ndikati fl-istess dokument. Dana mhuwiex ftehim fil-veru sens tal-kelma peress li ma hemmx il-firma tal-parti l-ohra u lanqas ma hemm il-ko-rispettiv ghalxiex dawn l-ammonti qieghdin jithallsu, pero' hija dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut fejn accetta li ghandu jaghti certu ammont ta' flus lill-attur. Din id-dikjarazzjoni mhijiex kontestata bhala tali. Fil-fatt, il-konvenut ighid illi huwa kien jaf x'qieghed jiffirma u jaf li dawk l-obbligazzjonijiet li huwa assuma ma hallashomx. B'daqshekk pero', l-Qorti tirraguna, ma jfissirx illi tali dikjarazzjoni mhijiex valida fil-ligi. Ma hemm xejn x'jimpedixxi persuna illi jiddikjara illi

huwa debitur versu haddiehor. Kieku l-konvenut kellu xi lanjanza fuq dan id-dokument, allura kellu jaghmel kawza *"ad hoc"* sabiex iwaqqa dak id-dokument u mhux jimputa xi nuqqas da parti ta' l-attur, liema nuqqas mhuwiex miktub bhala xi obbligazzjoni o meno da parti ta' l-istess konvenut. Jekk kienu qieghdin isiru xi negozjati bejn l-konvenut u l-management tal-Gallerija Complex, allura dawn huma *res inter alios aeta g*har-rigward l-attur. L-attur kellu dritt illi jircievi dawk l-ammonti li hemm miktuba fid-dikjarazzjoni u fuq dan il-konvenut m'ghandhux skuza.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru 1983 fl-ismijiet ***Albert Brincat u Joseph Borg vs Anthony Saliba u George Gatt noe*** il-Qorti kienet qalet illi xhieda orali ma kienetx ammissibbli biex tispjega skrittura privata illi kienet cara u mhux neboluza. Dana huwa konformi mat-taghlim tad-dritt Ruman meta jghid illi *"expressum facit cessare tacitum".*

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuhom is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) skond skrittura tal-1 ta' Dicembru 1999 fejn obbligaw ruhhom li jhallsu b'rati mensili ta' Lm100-il wahda li kienu jibdew jiddekorru mill-1 ta' Jannar 2000 rapprezentanti parti mill-bilanc dovut lilhom ghal fixtures u rigal tal-fond "Surprises", Level -1, Gallarija Complex, Fgura.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg